FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

Appell numru 282/2013

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Kurt BONSFIELD**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A.L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Ġunju 2022 fil-konfront ta' Kurt BONSFIELD (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 40985M) fejn ġie mixli talli:

F'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' Marzu 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data :-

a) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll Intern tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;
b) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil BONSFIELD mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnha filwaqt li sabitu ħati tal-imputazzjoni (b) u ikkundannatu għall-piena ta' seba' xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġiet sospiża għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza u multa ta' elf Ewro (€1000) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas f'rati mensili u konsekutivi ta' mitt Ewro bl-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skont il-Liġi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi BONSFIELD appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) u konsegwentement illiberat minnha, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni (b) u tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minnha skont il-Liġi jew alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, joġgħobha tħassarha f'dik il-parti tal-piena fejn minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

i) L-ewwel aggravju: il-prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reati addebitati lill-esponent u l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm 'il bogħod mill-piż tal-prova rikjest mil-liġi u ċjoe dak fi grad ta' ċertezza morali mingħajr dubbju dettat mir-raġuni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dan qed jingħad għar-rigward tal-

ħtija tal-imputat li per konsegwenza hija 'unsafe and unsatisfactory';

ii) It-tieni aggravju: illi umilment jingħad li l-esponent ma kellux jinstab ħati ta' pussess aggravat tad-droga iżda kellu jinstab ħati biss ta' pussess sempliċi tad-droga u dan stante l-fatt li d-droga kienet għall-użu personali tiegħu. Fl-ewwel lok l-esponent kellu kull dritt li ma jixhidx f'din il-kawża. Fit-tieni lok umilment jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt targumenta li filwaqt li abbażi tar-relazzjoni tal-espert minnha maħtur Dr. Edward Curmi, kif ikkorroborat ukoll mix-xhieda ta' Dr. Charles Cassar u mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex l-istess Qorti tassumi funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta iżda fl-istess waqt targumenta li hija ma temminix il-verżjoni mogħtija mill-esponenti lil Dr. Edward Curmi, Dr. Charles Cassar u lill-probation officer u għalhekk sabitu ħati ta' pussess aggravat ta' droga. Bir-rispett kollu jingħad li l-esponenti kien dejjem konsistenti fil-verżjoni tiegħu u l-verżjoni mogħtija mill-esponenti lil Dr. Edward Curmi, Dr. Charles Cassar u lill-probation officer hija dik li hi u ċertament li ma nbdlitx u għalhekk din l-verżjoni waslet sabiex il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex l-istess Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-istess verżjoni kellha twassal sabiex l-esponenti jinstab ħati biss ta' pussess sempliċi.

iii) It-tielet aggravju: illi minn fuq il-persuna tal-esponent ma nstab l-ebda oġġett li jindika li l-esponent kien involut fin-negozju tad-droga. Anke fil-mobile tal-esponent ma nstabux xi messaġġi li jindikaw li kien qiegħed iseħħ xi negozju ta' droga u ma nstabx li sar kuntatt mill-esponent ma' xi persuna li possibilment permezz tal-istess setgħet inbiegħet xi droga.

iv) Ir-raba' aggravju: illi mix-xhieda ta' Dr. Charles Cassar jirriżulta li l-esponenti kien dipendenti fuq id-droga ecstasy u kien jikkonsma ħafna droga ecstasy. Apparti minn hekk kien iżomm ħafna droga fuqu milli jkun meħtieġ sabiex jassigura li huwa ma jinqabadx mingħajr id-droga f'każ li jkun irid jikkonsma. Illi bir-rispett kollu x-xhieda ta' Dr. Charles Cassar jindika prova aktar mill-grad tal-probabli u tindika b'mod ċar li l-ecstasy misjuba fuq l-esponenti kien

se jikkunsmahom kollha u mhux għal skop ta' negozju ta' droga.

## Ċ. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar it-30 ta' Marzu 2013 il-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga wettqet 'road block' fil-Marsa u fil-proċess, ġiet imwaqqfa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HAK 268 tal-għamla Hyundai Getz misjuqa mill-appellant Kurt BONSFIELD. Illi l-Pulizija għamlet tfittixija f'din il-vettura u f'bieba minnhom instabu tlieta u għoxrin pillola ta' lewn aħdar suspettata droga ecstasy.

5. Sussegwentement, minn analiżi magħmula mill-espert Dr. Godwin Sammut irriżulta li minn estratt meħuda minn dawn il-pilloli kienet instabet is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, sustanza kkontrollata bil-Liġi taħt it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant ittieħed ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija fejn wara li ġie mogħti t-twissija u d-dritt li huwa jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu, liema dritt huwa rrifjuta, u ttieħdet lilu stqarrija bil-miktub.

6. L-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixli bl-imputazzjonijiet kif ingħad iktar 'il fuq, nhar it-3 ta' Ġunju 2013 fejn anki saret talba għall-konverżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'Qorti tad-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu d-debiti esperti kif mitluba mill-appellant BONSFIELD. Sussegwentement il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabitu ħati tal-imputazzjoni (b) hekk kif dedotta kontra tiegħu u stante riferenza pożittiva mill-Bord għar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, imponiet sentenza ta' priġunerija sospiża ai termini tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

### Ikkunsidrat

7. Illi l-appellant BONSFIELD qatt ma kkontesta li l-ammont ta' tlieta u għoxrin pillola misjuba fil-vettura misjuqa minnu kienu tiegħu. Anzi fit-trattazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

daqskemm quddiem din il-Qorti sostna li dik il-kwantita' ta' pilloli kienet intiża sabiex tiġi ikkonsmata kollha minnu.

8. Il-Qorti trid tevalwa l-provi u ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari peress li ma teżisti l-ebda regola waħdanija li tistabbilixxi meta l-pussess tad-droga għandu jkun meqjus mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur. Il-kwantita' ta' droga misjuba tista', fiċ-ċirkostanzi, tkun indikattiva ferm dwar jekk din tkunx intiża għall-konsum personali o meno. Iżda din mhix regola assoluta. Biex tiddetermina jekk kwantità ta' droga partikolari misjuba għand pussessur tkunx verament għall-użu esklussiv tiegħu jew le, il-Qorti tkun trid tqis kriterji oġġettivi kif ukoll oħrajn soġġettivi għall-pussessur.

9. Il-kwantita, il-kwalita, il-perċentwali tal-ingredjenti attivi misjuba fis-sustanza partikolari, is-sustanza innifisha, il-mod kif tiġi kunsmata, kif tkun maħżuna, il-kwantitajiet li fihom tkun maħżuna u l-kontenituri fejn tkun tinstab, fejn u kif id-droga tkun moħbija jew miżmuma, eċċetra huma kollha kriterja li jittieħdu in konsiderazzjoni flimkien ma kriterja oħra. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** deċiż nhar it-2 ta' Settembru 1999 intal:

> Dak li l-ligi tirrkejedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati."

10. Hemm ċirkostanzi li jkunu oġġettivament u pależament indikattivi li l-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-pussessur – bħal meta jinstab fil-pussess ta' kwantità ta' droga tant kbira li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma wieħed ikun jista' verament jikkonsma tali ammonti ta' droga għalih innifsu. Imbagħad hemm il-maġġoranza tal-każijiet li jkunu jaqgħu f'dik iz-zona griża fejn oġġettivament il-Qorti ma tkunx tista' tikkonkludi jekk il-pussess kienx għall-użu esklussiv jekk mhux wara stħarriġ dettaljat tal-provi u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Fosthom jista' jkun hemm stħarriġ dwar kemm verament il-pussessur ikun jikkonsma minn dik id-droga li tkun instabet fil-pussess tiegħu u din tiġi mistħarrġa wkoll fid-dawl ta' dak li jkun il-konsum medju tal-istess droga skont provi statistiċi u empiriċi oħra – ossija dawk il-kriterji li l-Qrati normalement jassoċjaw ma' użu personali. F'dan il-kuntest allura l-imputat ikun jista' jressaq prova biex juri, sal-grad tal-probabbli, il-grad ta' dipendenza tiegħu fuq dik id-droga u l-entita tal-konsum tiegħu mill-istess droga. Normalment, iżjed ma' l-problema tad-dipendenza fuq dik id-droga tkun akuta, iżda huwa mistenni li wieħed jikkonsma minn dik l-istess droga fuq perjodu ta' żmien speċifiku.

11. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Brian Caruana,** deċiż nhar it-23 ta' Mejju 2002, ġie rilevat is-segwenti:

> Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.

12. Similment fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Marius Mallia** deċiż nhar it-12 ta' Mejju 2005, ġie ritenut illi:

> Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].

13. Mix-xhieda ta' Dr. Charles Cassar, tal-espert tekniku Dr. Edward Curmi u tal-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina jirriżulta ċar li l-problema tad-droga tal-appellant BONSFIELD kienet waħda akuta u radikata sa minn żgħożitu. Dan jispjega wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi tilqa' t-talba sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti tad-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. F'dan ir-rigward f'paġna 54 Dr. Charles Cassar isostni kif lill-appellant kien ilu jafu ħafna snin qabel ma nqabad mill-Pulizija f'Marzu tas-sena 2013 u li huwa kien persuna li f'termini kliniċi jitqies mill-professjonist bħala 'medically dependant'. Meta mistoqsi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) xi jfisser meta persuna tkun 'medically dependant' f'termini ta' frekwenza w użu ta' droga, huwa wieġeb hekk:

> Xhud: **Il-frekwenza kienet sporadika** pero meta jkollu stress eżempju ser jiffaċja llill-manager tal-bank tiegħu jew ser jagħmlu review, **irid jibla'**

**pillola. Jekk sejjer Paceville, irid jibla' pillola waħda. Jekk ser jiltaqa' mat-tfajla, irid jibla' waħa (recte: waħda).**[1]

15. Dr. Edward Curmi, l-espert kliniku maħtur mill-Qorti sabiex jeżamina lill-appellant BONSFIELD, f'paġna 89 tax-xhieda tiegħu firrigward tal-frekwenza u l-użu tad-droga jixhed hekk:

> L-iktar ħaġa li kienet togħġbu kienet l-Ecstasy. **U dan kien jagħmel ġranet anke matul il-ġimgħa fejn kien jieħu. Fil-weekend kien jieħu xi 6 jew 7 pilloli f'lejl,**[2] jiġifieri l-ħsara li jagħmlu dawk fuq il-moħħ huma tal-għaġeb.

16. It-testimonjanza ta' dawn ix-xiehda kienet meħuda in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha. Fil-fatt l-appellant jibbaża d-difiża tiegħu fuq dak li qalu dawn ix-xhieda. Iżda meta wieħed jifli sew dak li qalu, għalkemm jikkonfermaw id-dipendenza akuta tal-appellant fuq l-ecstasy, jibqa' fatt pruvat li l-appellant instab bi:
(a) tlieta u għoxrin pillola
(b) maħżuna flimkien,
(c) f'daqqa fil-bieba tan-naħa tax-xufier f'karozza
(d) li kienet qed tinstaq mill-appellant.

17. Dawn huma ċirkostanzi li ma jurux biss potenzjal ta' użu personali, iżda l-kuntest juri realtà ben diversa u kompatibbli iżjed ma xenarju fejn wieħed iġorr dak l-ammont ta' pilloli bl-intenzjoni li ammont minnhom ikun biex jitqassam lil ħaddieħor.

18. Għalkemm mhux bażata fuq prova diretta, il-kriterju tal-kwantita ta' pilloli ecstasy li l-appellant setgħa kien jużа għalih personali tista' tiġi deżunta mix-xiehda ta' dawn ix-xhieda. Tali konsum ma jistax jitqies wisq kompatibbli mal-ammont misjub fil-vettura misjuqa mill-appellant. Qabel xejn il-Psikoterapewta Cassar stqarr li l-appellant kien jikkonsma sporadikament. Dan qajla huwa kompatibbli ma argument ta' dipendenza akuta u kostanti.

19. L-iktar li qarreb lejn l-ammont misjub fil-vettura misjuqa mill-appellant kien l-espert tekniku Dr Edward Curmi li xehed kif l-appellant kien qallu li ġieli f'week-end kien jikkonsma mas-sitta jew mas-seba' pillola ecstasy f'lejl. Dan iżid jgħid ukoll li tali ammont kien jagħmel ħsara kbira fuq il-moħħ. Pero din hija informazzjoni li dan

[1] Enfasi ta' din il-Qorti
[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

ix-xhud ħadha mingħand l-appellant u mhux minn informazzjoni oġġettivament verifikabbli.

20. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonvolement fiċ-ċirkostanzi tqis bħala integrat ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) hekk kif miġjub kontra l-appellant u l-aggravji mressqa mill-appellant marbuta mal-mertu qiegħdin jiġu miċħuda.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

21. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than

> the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

22. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

23. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

24. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod

partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

25. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

26. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-piena li nfliġġiet il-Qorti tal-Maġistrati ta' seba' xhur priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, flimkien ma multa ta' elf euro, kienet taqa' fil-parametri preskritti mil-Liġi. L-anqas ma jista' jingħad li kienet manifestament sproporzjonata jew eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. Huwa minnu li l-appellant għamel progress sostanzjali f'ħajtu. Imma dawn il-konsiderazzjonijiet kienet diġà għamlithom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha.

27. Dik il-Qorti kjarament qieset li meta kien għadu iżgħar, l-appellant żbalja sew meta mhux biss hu stress ġie dipendenti fuq l-abbuż tal-ecstasy, iżda saħansitra inqabad mill-Pulizija b'dik il-kwantita ta' pilloli f'ċirkostanzi li kienet turi li dawk il-pilloli ma kienux biss biex jużahom hu, iżda biex b'xi mod jittraffikahom kollha jew ftit minnhom ukoll lil ħaddieħor. Għalhekk qajla jista' jingħad li dan kien każ **<u>biss</u>** ta' persuna li kienet vittma tal-abbuż tad-droga. Għalkemm ma ġiex pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li huwa kien ukoll qabel dan l-inċident traffika d-droga ecstasy, peress li l-istqarrija ġuramentata tiegħu ġiet dikjarata inammissibbli, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu ma kienx hemm provi oġġettivi li juru li dan setgħa kien l-ewwel darba li kien qiegħed jew sejjer jittraffika dik id-droga li instabet fil-pussess tiegħu. Iżda kif intqal qabel, iċ-ċirkostanzi tas-sejba ta' dawk il-pilloli ecstasy, fil-kontest fejn u kif instabu, fl-ammont li nstabu fih u fejn u kif kienu maħżuna waslu lil dik il-Qorti biex, korrettament issibu ħati tal-pussess kwalifikat ta' dawk il-pilloli fis-sens li qieset li dawn ma kienux (almenu kollha) għall-użu esklussiv tiegħu – u allura bil-ħsieb

li xi wħud minnhom jiġu b'xi mod traffikati lil persuni oħra. Il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-fatt kien jirrendi l-piena ta' priġunerija effettiva waħda korretta u indikata.

28. Mill-banda l-oħra il-Qorti tal-Maġistrati stess immotivat is-sentenza tagħha b'fatti mitiganti f'dan il-każ, inkluż li ma jirriżultax li l-appellant irrokka mal-ġustizzja f'dawn l-għaxar snin li ilu għaddej il-każ tiegħu – almenu ma nġabitx prova ta' dan quddiem din il-Qorti. Huwa ċar ukoll li l-appellant ħadem u kompla jaħdem fuqu nnifsu. U kien ukoll għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonkludiet li għalkemm il-piena ta' priġunerija kienet dik indikata minħabba l-element tal-pussess kwalifikat, mill-banda l-oħra, il-fatt li l-appellant kien għamel progress sostanzjali f'ħajtu kellu jiġi rikonoxxut billi ma jkunx effettivament inkarċerat.

29. Din l-analiżi magħmula minn dik il-Qorti hija, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ineċċepibbli.

30. Għaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li jeżistu raġunijiet sabiex tiġi ddisturbata d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rigward il-piena.

# Deċide

**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**